SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 14/K10/25

Data tal-laqgħa: 29 t'April 2025

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci - Viċi Sindku
Mario Amaira – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Victor Vella – Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Carlo Mifsud - Kunsillier
David Caruana - Kunsillier
Gabriel Borg Ferrando – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius Muscat– Aġent Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (3)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Iċ-Ċermen semma l-mewt tal-Papa, l-Aġent President Francis Zammit Dimech, u s-Sinjura Chantalle Gauci, n-neputija tal-Kunsillier Victor Vella.

**14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

14.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

14.1.02 Il-Kunsillier Mario Amaira ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-kommossjoni li qed tinqala kważi f'kull laqgħa. Hu qal li hu jħoss li dan m'għandux jibqa' jsir minħabba li l-għan wieħed tal-Kunsill hu l-ġid tal-lokalita.

**14.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

14.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 12/K10/24.

14.2.02 Il-Kunsillier David Caruana ppropona l-Minuti.

14.2.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondah.

14.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament

14.2.05 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 13/K10/24

14.2.06 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando ippropona l-Minuti.

14.2.07 Il-Kunsillier David Caruana ssekondah.

14.2.08 Il-Kunsill qabel unanimament

**14.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

14.3.01 Dwar il-bye-laws il-Kunsill ġie nfurmat li dawn qeghdin għand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali filwaqt li l-bye-law tal-ash-trays u tan-naħal, dawn jinsabu għand l-Avukata tal-Kunsill. Fir-rigward il-bye-law tal-ash tray ġie deċiż li l-ammont tal-penali għandhom ikunu ta €50 l-ewwel darba, u jekk sa' gimgha ma jitwahhalx jinghata multa ta €75 għat-tieni darba u jekk wara gimgha jerga' ma jehilx jehel €100 għat-tielet darba li din għandha tibqa tingħata kull ġimgħa sakemm tiġi installata l-ash tray skond il-bye-law.

14.3.02 Il-Kunsillier Carlo Mifsud wasal fil-5.27p.m.

14.3.03 Il-Viċi Sindku Sean Gauci wasal fil-5.30p.m.

14.3.04 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-bulletproof ser tibgħat il-pjanti mitluba dalwaqt.

14.3.05 Dwar is-survey tal-Kumpless Dun Anton Sciberras, l-Kunsill ġie nfurmati li sar is-survey tal-kmamar sabiex jiżdiedu mas-survey li diġà għandu l-Kunsill u b'hekk wara li l-Perit jippreżenta pjanta waħda tkun tista' titressaq għal-fondi tal-UIF.

14.3.06 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-UIF, ġew diskussi l-proġetti tal-Każin tal-Banda San Giljan, tal-Knisja Lapsi, kif ukoll tal-Banda Spinola. Ġie konfermat ukoll li c-CCTV's jistgħu jsiru b'dawn il-fondi għalhekk iċ-Ċermen fakkar lill-Kunsilliera sabiex jibgħatu l-proposti tagħhom għat-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabiltà tagħhom fejn l-aħjar li jistgħu jsiru dawn il-kameras. Din il-lista għandha tasal għand l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill sa' mhux aktar tard minn ħmistax il-ġurnata oħra. Wara dan iż-żmien għandha ssir laqgħa informali sabiex jkunu diskussi dawn il-postijiet qabel il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

14.3.07 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li l-attività li ġiet proposta tal-festa ta' Lapsi ġiet aċċettata mid-Dipartiment. Filwaqt li għall-attività ta' kunċert li l-Kunsill ser japplika bl-iskema SPI/SCI/2/2025, ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mas-Sur Warren Mizzi, bħala rappreżentant tal-Fondazzjoni tat-Turiżmu, mas-Sur Chris Vella li ser ikun wieħed mill-organizzaturi, s-Sur James Hamberger mir-Regjun Lvant u s-Sotto Kumitat tal-Attivitajiet tal-Kunsill.

14.3.09 Il-Kunsillier David Caruana ippropona li fit-13, fil-15 u fis-17 ta' Mejju għandu jsir *big screen* sabiex jintwera l-Eurovision għalhekk ġie deċiż li c-Ċermen għandu javvicina xi persuni li jistgħu jkunu interessati f'dan l-avveniment.

14.3.10 Iċ-Ċermen nforma li l-laqgħa ġenerali annwali ser issir fid-9 ta' Mejju 2025 ġewwa l-iskola primarja ta' San Giljan fis-7.00p.m.

14.3.11 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li l-*course* tal-kompjuter li kienu ser jiġu organizzati bil-kollaborazzjoni ta' Horizon2000 għandhom jitwaqqaw minħabba li l-Kunsill ma rċieva l-ebda applikazzjoni mir-residenti.

14.3.12 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsilliera li d-dati tal-Proġett tal-ERASMUS 'UNDER' ser ikunu bejn it-28 u 31 ta' Mejju 2025.

14.3.13 Iċ-Ċermen qal li wara dar ir-reġistru elettorali ta' Paceville biex jara min hu intitolat għall-parkeġġ personali, hu qal li jkun aħjar li f'kull

triq jsir ammont ta' parkeġġi, bħal m'hemm il-Belt Valletta. Dawn jkunu jistgħu jintużaw mir-residenti kollha ta' Paceville. Hu għamel enfasi li r-residenti li jgħixu go St. George's Park li l-entratura tagħhom tagħti mil-Bajja ta' San Ġorġ u li dawn kollha għandhom il-parkeġġ tagħhom jiġu esklużi minn din l-iskema.

14.3.14 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill dwar it-tibdil li qed issir fix-xogħol tat-trenching fil-lokalita, minħabba li min-nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju ser jibda x-xogħol minn hdejn il-Pjazza tal-Balluta sa' ħdejn ic-City of London Bar.

14.3.15 Iċ-Ċermen ta' spjegazzjoni fuq il-problema tal-finanzi li ngħataw mill-UIF fuq ix-xogħolijiet ta Taraġ Attard Kingswell u nforma lill-Kunsill li fil-laqgħa li jmiss ser jagħti aktar dettal dwar dan il-proġett minħabba li għandu laqgħa mal-persuni li jistgħu jgħinu f'din il-problema. Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-Restoration Directorate biex jiġi restawrat it-taraġ li jagħti ghal-Bajja tal-Balluta peress li hu skedat.

14.3.16 Dwar il-proġetti pendenti tal-UIF, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jitlob BOQ lill-Perit sabiex jiġu ċċekkjat jekk għandhomx vijabbli l-proġetti ta' Triq Ross u Triq il-Qaliet. Dwar il-proġett ta' hdejn l-iskola fi Triq Lapsi ġie deċiż li għandhom jintbagħatu l-pjanti lill-Kunsilliera ghal attenzjoni tagħhom.

Dwar il-proġett tal-Gym ġewwa Xatt is-Sajjieda, l-Kunsill qabel li dan għandu jitwaqqaf filwaqt li l-proġett ta' Triq San Mark għandu jitkompla.

14.3.17 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsilliera dwar ix-xogħolijiet tal-Ġnien Saver Zarb. Wara laqgħa li saret fuq il-post bejn il-Perit tal-Kunsill, rappreżentant tal-kuntrattur u rappreżentanta ta' Ambjent Malta ġie deċiż li jitkompla l-irranġar fuq il-*grouting* li sar u li l-injam li intuża jinbidel skond it-tender.

14.3.18 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li attenda ghal-launching ta' CCTV Cameras ġewwa Paceville fejn kien hemm presenti ukoll il-Ministru konċernat u diversi persuni oħra.

14.3.19 Dwar it-talba li tressqet fil-laqgħa li għaddiet sabiex jiġu nstallat tabelli bl-ismijiet tal-istabbilimenti, c-Ċermen nforma lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellu mal-persuna konċernata kif ukoll dan il-persuna ser tkun qed tiċċekkja ukoll dwar l-ash trays fil-lokalita li ukoll kienu diskussi waqt il-laqgħa li għaddiet.

14.3.20 Iċ-Ċermen spjega li wara l-laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet, il-perit issuġġerixxa li Triq Mikiel Ang Cagiano ssir bl-SMA u ssir

one-way titla biss. Madanakollu wara diskussjoni ġie deċiż li din it-triq ma ssirx one way u qabel ma jiġi deċiż dwar l-SMA l-Kunsill għandu jitkellem mal-Perit tiegħu biex jagħti l-parir meħtieġ. Il-Kunsillier Carlo Mifsud issuġġerixxa li f'din it-triq għandhom jiġu installati *motorcycle proof barriers* maż-żewġ naħat.

14.3.21 Iċ-Ċermen ressaq ittra li saret mill-Avukat tal-Kunsill, (bl-approvazzjoni tas-Supretendent Melvyn Camilleri) biex tintbagħat lill-istabbilimenti kummerċjali (mhux restoranti u bars) dwar il-ħinijiet li jistgħu jbiegħu xorb alkoħoliku. Il-Kunsill qabel unanimament mal-kontenut ta' din l-ittra u wara li tiġi mressqa fil-Paceville Towns Committee din għandha titqassam lill-ħwienet ikkonċernati.

14.3.22 Saret riferenza għal-football tournament li sar is-Sibt 26 t'April 2025 li kien organizzat mir-Regjun Lvant. Ġie deċiż li r-ritratti ta' din l-attività għandhom jittellgħu fuq Facebook tal-Kunsill.

14.3.23 Iċ-Ċermen ta' spjegazzjoni dwar il-bandli ta ħdejn Ġnien Saver Zarb, filwaqt li ġew nfurmati li l-perit qed jagħmel *it-technical specifications* ghal BOQ l-ġdida u għandu japplika ghal fondi tal-UIF. Il-Kunsilliera ġew nfurmati li kanvas dwar kif ġej il-bandli waslu għand il-Kunsill llum.

14.3.24 Iċ-Ċermen qara l-ittra li ntbagħtet mill-Kunsill fejn ma ġietx aċċettata l-proposta tal-Kunsill Lokali Pembroke għal-attenzjoni tal-Kunsilliera.

14.3.25 Dwar it-talba għal bdil tal-isem ta' parti minn Triq Santu Wistin, ġie deċiż li din it-talba għandha tibqa pendenti għalissa.

14.3.26 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li l-attività li saret f'Jum San Giljan kienet suċċess filwaqt li l-attività ghal-Festa ta' San Girgor ma tantx kien hemm persuni li attendew.

14.3.27 Il-Kunsilliera ġew nfurmati li il-ħmieġ li hemm fil-kantuniera ta' Triq Dun Guzepp Xerri ser jitnaddaf u ser jinfetaħ il-bieb li jagħti għal-Triq Reġjonali.

14.3.28 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li hu u l-Kunsillier Victor Vella marru għal-konferenza tal-Climate Change.

14.3.29 Il-Kunsillier Carlo Mifsud informa lill-Kunsill li l-MEERA jixtiequ jagħmlu laqgħat fil-lokalita'.

14.3.30 Ġie deċiż li l-Kunsillier David Caruana ser jiesu ħsieb il-ġirja ma Sobbers Runners għal xi entita u wara ssir għawma. Din għandha tkun diskussa waqt l-laqgħa tal-kumitat tal-attivitajiet.

14.3.31 Ic-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-attività ghal Jum l-Omm ser issir it-Tlieta 13 ta' Mejju 2025 filwaqt li aktar dettalji jingħataw iktar l-quddiem

14.3.32 Ġie deċiż li l-Bord tal-Evalwazzjoni tal-kwotazzjoni tal-Mini Bus tas-Sajf ser ikunu ic-Ċermen, il-Viċi-Sindku Sean Gauci u l-Kunsilliera Victor Vella, Carlo Mifsud u Mario Amaira.

14.3.33 Tressqet korrispondenza għal-attenzjoni tal-Kunsill email mingħand il-Viċi Sindku dwar residential parking. Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jitlob *residential parking* għal xi toroq fil-lokalita' speċjalment l-area tal-Balluta u Spinola.

14.3.34 Ic-Ċermen ġab għal-attenzjoni tal-Kunsill dwar email mingħand l-Kunsilliera Patricia Camilleri u ġie deċiż li għandha tieħu ħsieb din il-korrispondenza.

14.3.35 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li għandhom jingħalqu xi kontijiet żejda li l-Kunsill għandu mal-BOV, jingħalqu l-kontijiet mal-HSBC kif ukoll għandu jibda l-proċess sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel l-batch payments. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

14.3.36 Inġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill dwar email fir-rigward ir-rigali li m'għandhomx jiġu aċċettati mill-Kunsilliera u staff '*Any gifts exceeding the current Market value of €250 shall be refused by public employees or board members'*.

14.3.37 Tressqet talba sabiex jibda jsir bejgħ minn kamra f'Xatt tis-Sajjieda fil-festi kif ukoll fil-festa ta' San Patrizju. Il-Kunsillier Carlo Mifusd astjena filwaqt li ġie deċiż li din it-talba ma tiġix aċċettata.

14.3.38 Rigward l-email dwar il-laqgħat tas-Saħħa Mentali ġie deċiż li din għandha tiġi aċċettata u dawn il-laqgħat għandhom isiru fis-sala tal-Każin Banda San Ġiljan.

14.3.39 Nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar Cirk AKL 2025/030 filwaqt li ġie deċiż li dawn l-emails m'għandhomx jibqgħu jintbagħatu lill-Kunsilliera minħabba li qed jintbagħatu direttament mill-Assoċjazzjoni lill-Kunsilliera.

14.3.40 Dwar l-email li l-Kunsill irċieva mingħand ir-Regjun Lvant dwar *Art Workshops* u *Beach Fest*, c-Ċermen għandu jitkellem mas-Sur

Hamberger dwar l-*Art Workshops* u dwar il-Beach Fest diġà hemm laqgħa programmata.

14.3.41 Dwar it-talba minn kumpanija privata għall-attività li ser issir f'Xatt ta' San Ġorġ fl-24 t'Ottubru ġie deċiż li l-Kunsill jagħti in-No Objection filwaqt li l-Pulizija jagħtu l-kundizzjonijiet l-oħra.

14.3.42 Ic-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill talba mingħand SPAR dwar tindif fil-Bajja tal-Balluta. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni filwaqt li c-Ċermen għandu jiltaqa' magħha għal aktar informazzjoni.

14.3.43 Ic-Ċermen ressaq għal-attenzjoni tal-Kunsill talba sabiex titressaq reserved parking bay fi Triq il-Karmnu. Ġie deċiż li c-Ċermen għandu jkellem lir-resident li għandu l-parkeġġ ghal-persuni b'diżabilità.

14.3.44 Il-Kunsill irċieva email mingħand il-Kunsillier Carlo Mifsud biex flimkien ma grupp ta sapporters tal-Liverpool Supporters Club jagħmlu attività ħdejn Xatt is-Sajjieda biex jiċċelebraw ir-rebħ tal-kampjonat. Id-data proposta hi l-31 ta Mejju jew l-1 ta Ġunju. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

**14.4 Talba għal kumpens rigward inċident fi :**

- **Triq il-Baltiku,**

14.4.01 Iċ-Ċermen ressaq talba għal kumpens minħabba inċident fi Triq il-Baltiku, San Giljan. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tintbagħat ir-risposta tal-Avukat.

**14.5 Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

14.5.01 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri resqet talba biex tiġi rranġata l-bankina ta Triq il-Ballut.

14.5.02 Il-Kunsillier David Caruana talab li informazzjoni dwar il-pelican Lights u repainting ta' Zebra Crossing fi Henry Calleja filwaqt li talab lic-Cermen aktar informazzjoni dwar it-talba tiegħu fil-laqgħat preċedenti dwar l-isleeping policeman Triq il-Baltiku. Ic-Ċermen spjega x'ser jiġri fuq dan is-suġġett u li l-Kunsill għandu jitlob li ssir *humped Zebra Crossing*. Ġie deċiż li l-Kunsillier David Caruana għandu jagħmel kuntatt ma' Project Green sabiex jsir gutter fi Triq Claire E. Engel meta jkun qed isir x-xogħol fil-Ġnien minn naħa tagħhom.

Il-Kunsillier David Caruana talab li ssir laqgħa uffiċċjali mas-Supretendent tal-Pulizija fir-rigward ir-residential parking ta' Triq Ġorġ Borg Olivier.

14.5.03 Il-Kunsillier Mario Amaira staqsa dwar ix-xogħolijiet tal-latrini ta Spinola fejn c-Ċermen informah li ser jibda x-xogħol dalwaqt. Ġie deċiż unanimament li l-bust ta Dun Anton Sciberras għandu jiġi mħallas mill-Kunsill u għandu jitpoġġa f'propjetà li mhux tal-Knisja peress li l-Kurja m'aċċettatx li jeħel fil-propjetà tagħha.

14.5.04 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ressaq il-punt dwar fondi mill-EU biex minnu nistgħu nibenfikkaw u jsir *breakwater* barra d-daħla tal-Bajja ta' Spinola. Għalhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra biex ssir laqgħa mal-Infrastructure Malta ħabba dan il-proposta. Fir-rigward it-tindif ta' Triq il-Karmnu ġie deċiż li aktar tard ser jsir ħasil bil-*powerwash* fit-toroq kollha tal-madwar fiz-zona tal-*Old Core.*

14.5.05 Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando nforma lilll-Kunsill li nfetħet il-konsultazzjoni pubblika ghal-proġett ta' Villa Rosa għalhekk ġie deċiż li dan is-suġġett għandu jerga jiġi diskuss. Filwaqt li ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li meta jkunu ser isiru xi xogħolijiet bil-lejl, din l-informazzjoni għandha titla ukoll fuq il-paġna ta' Facebook ta' Save St. Julians.

Il-Kunsillier Gabriel Borg Ferrando nforma lill-Kunsill li r-Richmond Foundation ser jagħmlu żjara lis-sala tal-Millenium Chapel sabiex jaraw jekk hux tajba għal-laqgħat tagħhom.

14.5.06 Il-Kunsillier Victor Vella issuġġerixxa li jsir barrier fi tarf ta' Triq Arċisqof Romero sabiex jiġu evitati inċidenti minħabba li taht din it-triq hemm il-wied. Il-Kunsillier Vella issuġġerixxa li għandhom jitpoġġew tabelli biex il-parti t'isfel ta' Triq Mons. Guido Calleja ssir two-way biex dak li jkun ma joqgħodx idur id-dawra kollha. Dan il-punt għandu jintbagħat lil-Transport Malta għal-kjarifika. Il-Kunsillier Vella ġibed l-attenzjoni ukoll li s-sinjali tat-triq Sqaq is-Siġra għandhom ma sarux wara li ingħata t-tarmak.

**14.6 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

14.6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 6504 sa' 6514 u l-pagamenti tal-kontijiet (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

14.6.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

14.6.03 Il-Kunsillier Carlo Mifsud ssekonda fl-approvazzjoni.

**14.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

14.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2025 fil-5.00p.m.

14.7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-8.30p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius Muscat**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 27 ta' Mejju 2025**